MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2015

Rikors Numru. 236/2012

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**It-Tribunal**,

Ra r-Rikorsipprezentat mis-socjetà XXX quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fl-14 ta' Gunju 2011 u in segwitu trasferit ghal quddiem dan it-Tribunal permezz ta' liema titlob li *the Commissioner of VAT should withdraw letter of 27/05/2011 and formally inform Xxx & Co. Ltd. that all naval vessels are subject to VAT refunds. In fact, the heading of letter dated 8/6/2004 is "VAT on services for Naval Vessels". The Board must declare that VAT is still not to be charged on the appellant's supplies. The Board should declare that letter of 27/5/2011 is arbitrary and illegal. The Board must order the Commissioner to pay VAT refunds within stipulated time, including interests and expenses. The Board should declare that the Commissioner of VAT is bound by letter dated 8 June 2004;*

Ra id-dokumenti annessi mar-Rikors promotur senjatament ittra indirizzata lis-socjetà Rikorrenti datata 27 ta' Mejju 2011, ittra indirizzata lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin datata 8 ta' Gunju 2004, ittra tas-socjetà Rikorrenti lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 7 ta' Frar 2011 u dokumenti annessi maghha;

Ra r-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) permezz ta' liema jopponi ghat-talbiet tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra taghha, u minflok jikkonferma l-ammont minnu pretiz minghand l-istess socjetà Rikorrenti;

Ra li fir-Risposta tieghu d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) osserva wkoll li t-titolu tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud illum inbidel ghal Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) skond l-Att XXII ta' l-2011 u ghaldaqstant jitlob id-debita korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) markati Dok. "A" sa' Dok. "E" a fol. 17 sa' 46 tal-process;

Sema' x-xhieda ta' Nicholas Grech moghtija waqt is-seduti tat-28 ta' Ottubru 2013[1], tal-25 ta' Novembru 2013[2] u tad-9 ta' Jannar 2014[3] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "NG" a fol. 56 sa' 162 tal-process, Dok. "NG1" a fol. 170 tal-process u Dok. "K1" a fol. 211 tal-process, sema' x-xhieda ta' Wayne Xuereb moghtija waqt is-seduti tad-9 ta' Jannar 2014[4] u tat-13 ta' Frar 2014[5] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "WX1" u Dok. "WX2" a fol. 236 sa' 241 tal-process, sema' x-xhieda ta' Carmel Vella, Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2014[6] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "CV" sa' Dok. "CV3" a fol. 183 sa' 210 tal-process u sema' x-xhieda ta' Simon Lavender in rapprezentanza tal-British High Commission moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2014[7];

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà Rikorrenti u d-dokumenti annessi maghha a fol. 250 sa' 256 tal-process u ra n-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 257 sa' 273 tal-process;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà Rikorrenti tesigi li l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghandu jirtira l-ittra tieghu lilha datata 27 ta' Mejju 2011 u konsegwentement jiddikjara li *all naval vessels are subject to VAT refunds* **u** b'hekk titlob li t-Tribunal jiddikjara li: (i) il-provvisti taghha lill-vapuri navali ma ghandhomx ikunu assoggettati ghat-taxxa fuq il-valur mizjud; (ii) l-ittra tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 27 ta' Mejju 2011 hija arbitrarja w illegali; u li (iii) il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud huwa marbut ma' dak provdut fl-ittra datata 8 ta' Gunju 2004, u konsegwentement jordna lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ihallasha l-*VAT refunds* entro terminu minnu prefiss, flimkien ma' l-imghaxijiet u spejjez.

---

[1] Fol. 163 sa' 168 tal-process.
[2] Fol. 171 sa' 173 tal-process.
[3] Fol. 216 u 217 tal-process u fol. 226 sa' 229 tal-process.
[4] Fol. 213 sa' 215 tal-process.
[5] Fol. 242 sa' 246 tal-process.
[6] Fol. 218 sa' 225 tal-process u fol. 230 tal-process.
[7] Fol. 247 u 248 tal-process.

Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jopponi ghat-talbiet tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess jigu michuda u minflok tigi kkonfermata t-talba tieghu ghall-hlas tas-somma ta' €77,024.55 rapprezentanti *VAT refunds* imhallsa lis-socjetà Rikorrenti li ma kienux dovuti lilha. Id-Direttur Generali jitlob ukoll korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri stante li a tenur ta' l-Att XXII ta' l-2011 it-titolu tal-Kummissarju dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud inbidel ghal Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).

Qabel ma jittratta t-talba tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghall-korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri u qabel ma jidhol fil-meritu ta' dawn il-proceduri t-Tribunal ser jittratta kwistjoni sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fin-Nota Responsiva tieghu li giet ipprezentata fil-25 ta' Awwissu 2014, naturalment fi stadju wara li nghalqu l-provi u wara li is-socjetà Rikorrenti ressqet in-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha. Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jibda s-sottomissjonijiet bil-miktub tieghu dwar dan il-kaz bis-sottomissjoni preliminari li dan it-Tribunal mhuwiex kompetenti li jkompli jisma' l-kaz odjern stante li *'l hekk imsejjah "arrangament"* [li huwa l-*fulcrum* ta' dawn il-proceduri] *imkien ma jinkwadra fid-dettami tal-Kap.406. … kien arrangament ad hoc li mhux eradikat fil-ligi fiskali nostrana*[8].

It-Tribunal ma jistax jonqos milli jesprimi s-sorpriza tieghu ghall-mod kif id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghazel li jressaq din il-kwistjoni hekk importanti fil-kuntest tal-proceduri odjerni, partikolarment meta fil-kors tas-smigh ta' dawn il-proceduri hu u jixhed waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2014[9], id-Direttur Genrali già kien esprima id-dubji tiehgu dwar il-kompetenza ta' dan it-Tribunal biex jittratta l-materja migjuba quddiemu b'dawn il-proceduri. Ladarba già kellu tali dubju fid-9 ta' Jannar 2014 it-Tribunal ma jistax jifhem ghaliex ressaq tali kwistjoni bhala **mera** sottomissjoni u mhux bhala eccezzjoni formali, fin-Nota Responisva tieghu ipprezentata fid-29 ta' Awwissu 2014.

Ghalkemm huwa minnu li l-kwistjoni tal-kompetenza ta' Qorti jew Tribunal hija wahda ta' natura pubblika u tista', anzi skond il-gurisprudenza nostrali ghandha tigi sollevata *ex officio* mill-Qorti jew Tribunal, li ma jkunux ta' grad ta' appell[10], id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ma jistax juza tali principju biex jiggustifika l-mod kif agixxa ghaliex xorta jibqa' l-fatt li l-kontro-parti fil-proceduri ghandu jkollha l-opportunità li tiddefendi ruhha kontra tali asserzjoni li tolqot il-proceduri minnha istitwiti fil-qalba taghhom u b'mod partikolari fi proceduri quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva li a tenur ta' l-Artikolu 3(2)(a) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, applikabbli ghalih bis-sahha ta' l-Artikolu 6 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu *jirrispetta d-dritt tal-partijiet li jinghataw smigh xieraq,*

[8] Para.1 sa' 10 tan-Nota Responsiva tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).
[9] Fol. 218 sa' 225 tal-process.
[10] Anthony Azzopardi et v. Doris Behag et, Appell Civili 133/08, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' April 2013.

*inkluzi l-principji tal-gustizzja naturali, jigifieri: (i) nemo judex in causa sua, u (ii) audi et alteram partem.*

Detto ciò it-Tribunal assolutament ma jaqbilx mad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) li l-kaz in ezami ma jaqax taht il-kompetenza Tieghu a tenur tal-procedura tar-referenza skond l-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, li hija appuntu t-tip ta' procedura istitwita mis-socjetà Rikorrenti bir-Rikors, ossia Formula B, minnha pprezentat fl-14 ta' Gunju 2011.

Il-kwistjoni odjerna essenzjalment tittratta dwar il-pretensjoni tas-socjetà Rikorrenti li hija kellha dritt **u** ghad ghandha dritt ghall-*VAT refunds* relattivi ghall-provvisti/servizzi minnha prestati lill-vapuri tan-Navy Amerikana, tan-Navy Ingliza u lill-vapuri tan-NATO. L-Artikolu 44(h) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *jekk tqum xi kwistjoni, li ma tkunx stima, dwar: (h)* ***jekk xi hlas lura ta' taxxa mitlub minn xi persuna jkunx dovut jew ghandux jithallas lil dik il-persuna jew le***[11]*, dik il-kwistjoni tista' tigi riferita lit-Tribunal minn kull persuna li turi ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal li ghandha interess dirett f'dik il-kwistjoni jew mill-Kummissarju.* Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog bl-iktar mod car li l-kwistjoni posta quddiem it-Tribunal mis-socjetà Rikorrenti taqa' proprio entro l-parametri ta' dak hemm provdut. Il-fatt li d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jippretendi li l-arrangament li a bazi tieghu s-socjetà Rikorrenti ghamlet diversi snin tircievi *VAT refunds* ghall-provvisti/servizzi minnha prestati lill-vapuri tan-Navy Amerikana, tan-Navy Ingliza u lill-vapuri tan-NATO mhuwiex legali partikolarment fil-qafas tal-Ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, b'daqshekk ma jfissirx li l-kwistjoni tezoribta mill-kompetenza tat-Tribunal u li ma tistax tinkwadra f'dak provdut fl-Artikolu 44(h) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta. Se mai tali kontestazzjoni tikkostitwixxi l-opposizzjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghall-hlas ta' tali *VAT refunds* u r-raguni in bazi ghal liema skontu dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet tas-socjetà Rikorrenti u minflok jikkonferma bhala gusta u legali t-talba tieghu ghall-hlas lura tas-somma ta' €77,024.55.

Apparte minnhekk issir referenza wkoll ghac-cirkostanza imsemmija fil-paragrafu (i) ta' l-imsemmi Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioè li tista' ssir referenza lit-Tribunal dwar *kull punt ta' ligi li m'huwiex inkluz fid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu* u ma hemmx dubju li l-kwistjoni odjerna tinvolvi diversi punti ta' ligi – anke punti ta' ligi specifikatament relattivi ghall-Ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud – li jistghu jigu hekk posti quddiem it-Tribunal ghad-determinazzjoni.

B'hekk kuntrarjament ghal dak pretiz mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fin-Nota Responsiva tieghu, dan it-Tribunal huwa kompetenti biex jittratta u jiddeciedi l-proceduri odjerni.

---

[11] Enfasi tat-Tribunal.

It-Tribunal hawnhekk ser jissofferma ruhu momentarjament fuq it-talba tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghall-korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri u jiddikjara li l-istess illum hija ghal kollox superfluwa stante li fid-dawl ta’ l-Artikolu 3 tal-Kap.517 tal-Ligijiet ta’ Malta u ta’ l-Ordni ta’ Assunzjoni mill-Gdid ta’ Funzjonijiet ippubblikat fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta’ Awwissu 2014, l-Awtorità pubblika intimata f’dawn il-proceduri llum huwa l-Kummissarju tat-Taxxi u fid-dawl ta’ dak provdut fir-Regolamenti dwar l-Ekwivalenza ta’ Certi Referenzi ghall-Karigi fid-Dipartimenti tat-Taxxa, Legislazzjoni Sussidjarja 517.01, ma hemmx il-htiega li tigi ordnata ebda korrezzjoni fl-okkju ta’ dawn il-proceduri. B’hekk, it-Tribunal jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba avvanzata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghall-korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri.

Trattati dawn il-kwistjonijiet ta' natura preliminari t-Tribunal se jghaddi issa biex jittratta dawn il-proceduri fil-meritu.

Mill-provi prodotti jirrizultaw is-segwenti fatti:

- Is-socjetà Rikorrenti hija *shipping and travel agent* u hija agent tan-Navy Amerikana, tan-Navy Ingliza u tal-vapuri tan-NATO;
- Originarjament is-socjetà Rikorrenti kienet agent tan-Navy Amerikana biss u maz-zmien saret agent tal-vapuri tan-NATO, dana ghall-habta tas-sena 2006, u tan-Navy Ingliza, ghall-habta tas-sena 2009;
- Ai termini ta’ l-Artikolu 9(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta *ghandhom ikunu ezentati mit-taxxa: (a) il-provvisti li ghalihom tapplika t-Taqsima Wiehed jew it-Taqsima Tnejn tal-Hames Skeda*, liema Skeda, senjatament fit-Taqsima Wiehed Partita 6 tittratta dwar fost ohrajn il-bastimenti tal-gwerra li però fis-sub-artikolu (4)(b) tipprovdi li dwar provvisti lis-sidien jew operaturi ta’ bastimenti tal-gwerra l-ezensjoni *hija limitata ghall-ghoti ta’ karburanti u provizjon mahsub bastimenti definiti fis-subintestatura 89.01 tat-Tariffa tad-Dwana, li jhallu l-pajjiz u jbahhru lejn portijiet jew ankraggi barranin* u fis-subartikolu (5) tipprovdi li huma ezenti *l-provvisti ta’ servizzi hlief ghal dawk riferiti fit-(3), imwettqa ghall-htigijiet diretti tal-bastimenti riferiti fil-(1), bl-eccezzjoni ta’ bastimenti tal-gwerra, u ghall-htigijiet diretti tal-merkanzija taghhom bhal irmonk, pilotagg, irmiggar, servizzi biex jehilsu, valutazzjoni, uzu tal-portijiet, servizzi provduti lis-sidien tal-bastimenti mill-agenti marittimi waqt li jagixxu bhala tali, servizzi mehtiega ghad-dhul, tluq jew qaghad tal-bastimenti fil-portijiet u ghajnuna provduta lill-passiggieri jew lill-ekwipagg*;
- Minkejja dak provdut fil-Ligi, bis-sahha ta' arrangament specjali milhuq fl-2004 bejn id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud rapprezentat minn George Catania dak iz-zmien Director Support Services, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin, l-Ambaxxata Amerikana u s-socjetà Rikorrenti, b’effett mit-8 ta’ Gunju

2004 *no VAT will be charged to the US Vessels on all the services indicated in the list by the American Embassy with exception of the supplies shown hereunder. VAT paid by Xxx & Co. Ltd. on behalf of the US Vessels will be separately claimed from their VAT return in order to enable the Department to refund the VAT suffered within a month from the submissions of the request accompanied by details. No VAT can be claimed by Xxx & Co. Ltd. on the following supplies, which have been invoiced/disbursed, by the US Vessel inclusive of VAT: Dry cleaning services, Tours (Land tours), Scuba/Diving tours, Sport complexes, Picture frame making*;

- B'effett mit-8 ta' Gunju 2004 is-socjetà Rikorrenti bdiet taghmel talba ghall-hlas lura tal-VAT inkorsa in konnessjoni mas-servizzi provduti lill-bastimenti tan-Navy Amerikana u kienet tircievi r-refuzjoni relattiva skond l-imsemmi arrangament;
- Arrangament simili gie milhuq bejn id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin, il-British High Commission u s-socjetà Thomas Smith fir-rigward tal-*Royal Fleet Auxiliary (RFA) ships* tant illi b'effett mis-17 ta' Awwissu 2004 *as in the case of the US Vessels, no VAT is to be charged to the Royal Fleet Auxiliary (RFA) ships on all the services indicated in the list by the British High Commission with the exception of the supplies shown hereunder. Naturally VAT paid by Thomas Smith on behalf of the RFA ships will be separately claimed from their VAT return in order to enable the VAT office to refund VAT suffered by Thomas Smith within a reasonable time from the submission of their request for payment provided full details and VAT fiscal receipts are produced. No VAT can be claimed by Thomas Smith on the following supplies: Various vehicle hire, Transport services, Contract cleaning services, Hotel accommodation, Dry cleaning services, Scuba diving, Picture frame making, Water Taxis (Maltese Dghajsa), Agency services*;
- Fis-sena 2006 is-socjetà Rikorrenti saret agent tal-vapuri tan-NATO u fir-rigward ta' dawn il-vapuri wkoll bdiet titlob refuzjoni tal-VAT inkorsa bl-istess mod kif kienet qed taghmel fir-rigward tal-vapuri tan-Navy Amerikana;
- Fis-sena 2009 is-socjetà Rikorrenti saret agent tal-vapuri tan-Navy Ingliza u fir-rigward ta' dawn il-vapuri wkoll bdiet titlob refuzjoni tal-VAT inkorsa bl-istess mod kif kienet qed taghmel fir-rigward tal-vapuri tan-Navy Amerikana w a bazi ta' l-arrangament specjali milhuq f'Awwissu 2004;
- B'ittra datata 27 ta' Mejju 2011, in segwitu ghal talba ghar-refuzjoni tal-VAT fir-rigward ta' diversi vapuri datata 7 ta' Frar 2011, is-socjetà Rikorrenti giet infurmata mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud illi *the claim was examined in the light of the arrangement in place as per letter dated 8 June 2004 issued by the then Director Support Services VAT Department to the Permanent Secretary in the*

> *Ministry of Foreign Affairs, which was also copied to you. Although it was very clear that this arrangement stipulated that the claim was to be made solely in respect of VAT incurred by US naval vessels it transpires that you also included VAT in respect of naval vessels other than US navy. And this not only in the claim dated 7th February 2011 but also in a substantial number of claims made with the VAT Department and already refunded. As a matter of fact, an exercise was carried out to audit the claims made by Xxx & Co. Ltd. under the arrangement. It resulted that the claims up to the last claim, all refunded by the VAT Department, had included an amount of €80,036.16 which amount should not have been claimed as it was not incurred by US naval vessels. In the claim under review, i.e. 7/02/2011, from a claim of €14852 only €3011.61 is VAT incurred by a US naval vessel. In the meantime following consultation with the Ministry of Finance, the Economy and Investment the VAT Department has decided to withdraw the arrangement as per letter dated 8 June 2004 and that the last claim to be entertained under the arrangement is the claim by letter dated 7/02/2011. Furthermore, as it is considered that you have overclaimed your requests for refunds under the arrangement as outlined above, you are being solicited to remit to the VAT Department a sum amounting to €77,024.55 (€80036.16 less €3011.61, workings attached) within one month from receipt of this letter.*

Is-socjetà Rikorrenti tikkontesta kemm id-decizjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) li jirrevoka l-arrangament specjali milhuq f'Gunju 2004 kif ukoll it-talba tieghu ghall-hlas lura tas-somma ta' €77,027.55 rapprezentanti refuzjoni tal-VAT imhallsa lill-imsemmija socjetà meta din skontu ma kenitx spettanti u b'hekk dovuta lilha.

Is-socjetà tibbaza l-kontestazzjoni taghha ghad-decizjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) li jirrevoka l-arrangament specjali milhuq f'Gunju 2004 in bazi ghall-affermazzjoni ta' l-ezistenza ta' dritt kwezit. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha hija tikkontendi li *l-vertenza odjerna tippernja dwar ir-revokazzjoni unilaterali u inaspettata ta' dritt kwezit illi kienet tgawdi minnu l-esponenta. Tali dritt kwezit jikkonsisti fid-dritt illi effettivament ma jigix iccargjat VAT fuq servizzi provisti lill-vapuri navali militari. Tali dritt kien jinghata permezz ta' rifuzjoni ta' VAT lill-agenziji, ghaliex huwa risaput illi fil-ligi fiskali n-newtralità fiskali tista' tintlahaq b'zewg modi: cioè bl-'exemption method' jew bil-'credit method' (illi jaghti lok gal refund jew set-off). Fil-kaz odjern id-dritt inghata bil-credit method. Illi tali dritt kwezit kien jirrizulta: (a) Minn ittra mahruga mill-appellat direttament lill-esponenta esebita minn Nicholas Grech rigward il-US Navy; (b) Minn ittra mahruga mill-appellat lil terz ezebita minn Wayne Xuereb rigward Bastimenti Inglizi; (c) Minn konswetudini segwita mill-appellat fuq tul ta' numru ta' snin illi dwarha xehed kemm Nicholas Grech kif ukoll Ufficjal Gholi tad-Dipartiment. Illi jehtieg illi jinghad illi d-dritt kwezit ma kienx jikkonsisti minn xi pjacir ad*

*personam straordinarju imma kien semplicement jikkonsisti f'holqien ta' modus operandi bazat fuq (i) interpretazzjoni prattika tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 406 u d-Direttiva citati supra; u (ii) interpretazzjoni intiza illi, konsoni mal-politika fiskali Maltija, kienet intiza biex tkabbar l-industrija marittima Maltija. Illi tali dritt kwezit gie gawdut ghal xi 7 snin, taht zewg ufficjali gholja ta' l-appellat sakemm is-Sur Vella ddecieda illi jittermina l-arrangament fiskali hesrem ghaliex jghid illi kif sar jaf b'dan l-arrangament "ghorkitni ghajnejja", "din m'ghogbitnix", "dehret kerha". Kif ser jigi spjegat tresqu provi illi juru illi s-supetti tas-Sur Vella kienu htija ta' mizinformazzjoni. Illi r-revoka ta' l-arrangament milhuq ikkawzat pregudizzju serju lis-socjetà rikorrenti ghaiex b'daqqa ta' pinna ttiehdilha dritt ghar-refuzjonijiet ta' eluf kbar ta' Euro ghaliex sopra corna bastonate id-Dipartiment talab ukoll li jigi rifuz ammont ta' €77,024.55 li skont l-istess Dipartiment ma kellhomx jigu mitluba bhala refund. B'hekk ir-revoka tal-konswetudini stabilita inghatat (parzjalment) anke effett retroattiv. Ta' min izid illi anke l-attrattività ta' Malta bhala gurisdizzjoni marittima sofriet ghaliex id-decizjoni mehuda holqot sitwazzjoni fejn Cipru, il-Grecja u pajjizi ohra akkwistaw "competitive advantage" fuq il-gurisdizzjoni Maltija*[12]. Hija tikkontendi ulterjorment illi r-revoka tad-dritt kwezit minnha pretiz saret b'mod illegali ghaliex: (i) saret minghajr ebda konsultazzjoni u minghajr ma inghatat xi forma ta' smigh; (ii) gie injorat il-fatt li hija kellha "possession" fuq tali dritt kwezit u illi tali dritt ma setghax jigi kancellat kif gieb u lahaq; u (iii) irrizulta fit-tehid ta' dritt minghajr kumpens.

Wara li qies sew il-provi prodotti u s-sottomissjonijiet avvanzati mill-partijiet kontendenti t-Tribunal hu tal-fehma li kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà Rikorrenti, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) kellu kull dritt li jirrevoka l-arrangament specjali milhuq f'Gunju 2004 u bil-mod kif agixxa ma vvjola l-ebda dritt li s-socjetà Rikorrenti tippretendi li ghandha.

Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li l-principju tad-dritt kwezit ifisser li *normi godda jridu jirrispettaw dawk id-drittijiet li jkunu twieldu minn fatt akkwizittiv u validu taht il-ligijiet ezistenti u li jkunu allura già jifformaw parti mill-patrimonju ta' l-individwu*[13].

Essenzjalment il-principju tad-dritt kwezit isib l-applikazzjoni tieghu fil-kuntest tal-kwistjoni **tar-retroattività** u l-iktar u b'mod partikolari fil-kuntest tar-retroattività tal-Ligijiet u kif osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Michele Muscat v. L-Onor. Roberto Briffa Collettore delle Dogane** deciza fit-12 ta' April 1919[14] *che è principio, che la legge esercita il suo impero colla promulgazione, che si confonde nel concetto giuridico colla sua pubblicazione o dal giorno in cui se ne fosse dato avviso,*

---

[12] Para. 2 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà Rikorrenti.
[13] Renato J. Costigan v. Malta Drydocks Corporation et, Appell Nru. 5/04 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Ottubru 2005.
[14] Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri, Vol. XXIV, p II p 16.

*ed è inerente alle indole ed alla natura della legge che la stessa non disponga che per l'avvenire senza estendere il suo impero ai fatti gia compiuti e consumati. Leges et constitutiones certum est futuris dare formem negotiis et non ad facta praeterita revocari (Leg. 7 Cod. de Legibus). La legge di regola, quindi, non ha effetto retroattivo ed è di diritto volgare il broccardo che lex non habet oculos retro. Che quantunque sia in facolta del legislatore espressamente dichiara, che la legge debba comprendere nel suo impero anche gli atti, che non fossero ancora compiuti, tuttavia i diritti quesiti sono sempre di giustizia dalla legge rispettati. Nisi nominatim scriveva l'antichità et de praeterito tempore et ad hoc pendentibus negotiis cautum sit (Cod. de Legibus)* u mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Chev. Antonio Cassar Torreggiani noe v. Nutar Dr. Vincenzo Gatt noe,** deciza fit-12 ta' Mejju 1950[15] *sew jekk id-dritt kwezit ikun kompjut sew jekk ikun l-origini ta' fatt li jkun gara taht il-ligi precedenti, u d-dritt skond dik il-ligi jkun perfett u kompjut, u fl-istess hin ikun dahal fil-partimonju ta' min jirreklamah, u l-okkazjoni ta' l-ezercizzju tieghu tipprezenta ruhha taht il-ligi il-gdida, fl-ewwel ipotesi ghaliex ir-retroattivita` hija mpossibbli u assurda, u fit-tieni ipotesi l-ghaliex l-istess dritt ikun perfett taht il-ligi antika qabel ma nholqot l-okkazjoni ta' l-ezercizzju tieghu taht il-ligi gdida, l-istess ghandu jigi rispettat, u l-ligi gdida ma ghandhiex, skond il-principji elementari tal-gustizzja u ekwita`, ikollha setgha fuqu.*

Ciò nonostante però ma hemmx dubju li dritt li *taxpayer* ghandu in forza ta' arrangament specjali milhuq mad-Dipartiment tat-Taxxa relattiv, fil-kaz in ezami mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ukoll jimmerita protezzjoni partikolarment meta jista' jkun hemm mutament jew addirittura r-revoka ta' tali arrangement li per di più jaf ikollu effetti retroattivi.

F'dan l-istadju t-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Appell Nru. 16/03** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru 2004, fejn gie trattat il-punt dwar arrangament specjali li kien hemm bejn ir-Rent-a-Car Association u l-Gvern dwar l-Input VAT u d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li nonostante tali arrangament specjali johrog stimi fil-konfront tas-socjetà appellanti f'dawk il-proceduri a bazi tal-konsiderazzjoni li l-stimi inhargu ai termini tal-Ligi li kienet cara f'dan ir-rigward u li l-ebda arrangament iehor ma jista' jmur kontra l-Ligi – sitwazzjoni din ghad illi mhux analoga ghal dik odjerna, simili fil-principju.

F'dik is-sentenza l-Qorti ta' l-Appell osservat illi *jidher car minn ezami tal-minuti tal-laqghat u d-dokumenti prodotti w esebiti illi s-socjetà appellata, appellanti quddiem il-Bord, kienet qed tpoggi quddiem il-Bord serje ta' cirkostanzi ta' fatt li kienu attinenti ghall-aspett tal-koncessjonijiet akkordati lill-assocjazzjoni, li taghha tifforma parti, dwar l-'offsetting' tal-input VAT fuq ix-xiri ta' karozzi ghal skop ta' 'self drive' u l-mekkanizmu tal-kreditu*

[15] Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superuir, Vol. XXXIV p 1 p 148.

*ghall-'output tax'. Dan bl-iskop li tigi ffissata t-tema u precizati l-limiti tal-kontroversja riferibilment ghal metodu ta' tassazzjoni w attribuzzjonijiet ta' input tax. Arrangament dan li kien legalment possibbli u kostitwenti, bhal kwazi kuntratt gudizzjali, dak il-'vinculum juri, quo necessitate adstringimur alicuius rei solvende". **Dan ifisser illi jekk il-partijiet ikunu ezegwew arrangament, il-mod kif dan ikun gie ezegwit, jikkjarifika l-volontà taghhom u jekk ikunu ezegwewh ghal zmien kif elucidat mill-kondotta prosegwita dan irid ikompli hekk jigi ezegwit in kwantu din tikkostitwixxi l-interpretazzjoni awtentika, ammenokke ma jkunx hemm mutament tieghu. Mutament dan, li meta jokkorri, hu mistenni, imbaghad, li jkun fil-limiti tar-ragonevolezza u minghajr ma jigi pretiz li ghandu jassumi karattur eccezzjonali ta' xi retroattività[16]**.*

Minn dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-imsemmija sentenza johrog car li meta bejn Dipartiment tat-Taxxa u *taxpayer* ikun hemm arrangament specjali li bih tkun regolata kwistjoni fiskali, bhalma huwa l-kaz in ezami, dak l-arrangament jista' jigi varjat mid-Dipartiment koncernat, u b'dan it-Tribunal jifhem li jista' ukoll jigi revokat, basta li tali mutament u addirittura revoka tkun wahda ragonevoli u ma jkollhiex effetti retroattivi li jimpingu u jippregudikaw id-drittijiet li t-*taxpayer* kellu taht tali arrangament.

B'hekk kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà Rikorrenti, il-fatt li d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kien permezz ta' arragnament specjali mas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin, ma' l-Ambaxxata Amerikana u mas-socjetà Rikorrenti, ippermetta li b'effett mit-8 ta' Gunju 2004 *no VAT will be charged to the US Vessels on all the services indicated in the list by the American Embassy with exception of the supplies shown hereunder* u li *VAT paid by Xxx & Co. Ltd. on behalf of US Vessels will be separately claimed from their VAT return in order to enable the Department to refund the VAT suffered within a month from the submission of the request accompanied by details*, ma jfissirx li l-istess Dipartiment ma setghax f'xi zmien fil-futur ivarja w addirittura jirrevoka dak il-ftehim. Fid-dawl ta' dan ghalhekk isegwi li dak li jrid jigi kkunsidrat huwa jekk tali decizjoni tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, tramite d-Direttur Generali, li jirrevoka dak l-arrnagament specjali kienitx wahda ragonevoli u jekk kellhiex effetti retroattivi fuq id-drittijiet pretizi mis-socjetà Rikorrenti.

Kif già iktar 'l fuq osservat is-socjetà Rikorrenti tikkontendi li d-decizjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) li jirrevoka l-arrangament specjali in kwistjoni kienet mhux biss irragonevoli izda addirittura illegali stante li: (i) saret minghajr ebda konsultazzjoni u minghajr ma inghatat xi forma ta' smigh; (ii) gie injorat il-fatt li hija kellha "possession" fuq tali dritt

[16] Enfasi tat-Tribunal.

kwezit u illi tali dritt ma setghax jigi kancellat kif gieb u lahaq; u (iii) irrizulta fit-tehid ta' dritt minghajr kumpens.

Ghalkemm bl-ittra datata 27 ta' Mejju 2011 id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) informa lis-socjetà Rikorrenti li *inter alia, following consultation with the Ministry of Finance, the Economy and Investment the VAT Department has decided to withdraw the arrangement as per letter dated 8 June 2004 and that the last claim to be entertained under that arrangement is the claim by letter dated 7/02/2011* u li *as it is considered that you have over claimed your requests for refunds under the arrangement as outlined above, you are being solicited to remit to the VAT Department a sum amounting to €77024.55 (€80036.16 less €3011.61, workings attached) within one month from receipt of this letter*, it-Tribunal ma jaqbilx mas-socjetà Rikorrenti li fil-kaz in ezami ma nghatatx smigh mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fir-rigward ta' din id-decizjoni.

Mill-provi prodotti mis-socjetà Rikorrenti stess jirrizulta skambju ta' korrispondenza kopjuz bejn Nicholas Grech ghan-nom tas-socjetà, id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment u addirittura mall-Ministru nnifsu, dwar id-decizjoni li l-arrangament specjali espost fl-ittra tat-8 ta' Gunju 2004 jigi revokat. In effetti mill-e-mails u ittri esebiti minn Nicholas Grech waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013[17], b'mod partikolari mill-e-mail datata 18 ta' Lulju 2011[18], ittri datati 29 ta' Lulju 2011[19] u 15 ta' Novembru 2011[20], e-mails datati 18 ta' Novembru 2011[21], 11 ta' Frar 2013[22] u 12 ta' Frar 2013[23], jirrizulta b'mod car li is-socjetà Rikorrenti ressqet l-oggezzjonijiet taghha ghal tali decizjoni kemm mal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment kif ukoll mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u d-Dipartiment u l-Ministeru b'diversi e-mails u ittri, senjatament b'ittra mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment datata 24 ta' Ottubru 2011[24], b'e-mail minghand Anton Vella, Policy Coordinator, Ministerial Secretariat fi hdan il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment datata 6 ta' Frar 2013[25] u b'e-mail tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) datata 11 ta' Frar 2013[26], esprimew il-posizzjoni taghhom vis-à-vis l-oggezzjonijiet tas-socjetà Rikorrenti u d-decizjoni li ittiehdet fil-konfront taghha. B'hekk altru milli ma inghatatx l-opportunità li issemma l-oggezzjonijiet taghha ghad-decizjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).

[17] Dok. "NG" a fol. 57 sa' 90 tal-process.
[18] Fol. 89 u 90 tal-process.
[19] Fol. 87 u 88 tal-process.
[20] Fol. 83 u 84 tal-process.
[21] Fol. 82 tal-process.
[22] Fol. 74 u 75 tal-process.
[23] Fol. 71 u 72 tal-process.
[24] Fol. 85 u 86 tal-process.
[25] Fol. 76 u 77 tal-process.
[26] Fol. 72 u 73 tal-process.

Huwa veru li din il-korrispondenza hija datata wara l-prezentata ta' dawn il-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud[27] izda jirrizulta li minkejja l-fatt li l-Partita 6(1) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta kif applikabbli ghall-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, kienet tipprovdi li *riferenza lill-Bord fuq kull kwistjoni imsemmija fl-artikolu 44 ta' dan l-Att ma tistax tintaghmel, sakemm ma tkunx tqajmet f'korrispondenza mal-Kummissarju u ghandha ssir bil-mezz ta' rikors bil-mitkub li fih ikun hemm imnizzla l-fatti kollha rilevanti ghal dik il-kwistjoni u l-mod kif, fil-fehma ta' l-applikant dik il-kwistjoni ghandha tigi deciza,* is-socjetà Rikorrenti ghazlet li l-ewwel tirreferi l-kwistjoni direttament lill-Bord u imbaghad tressaq l-oggezzjonijiet taghha lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud/Direttur Generali (Taxa fuq il-Valur Mizjud). Fic-cirkostanzi ghalhekk ma huwiex gust da parte taghha li f'dawn il-proceduri tallega li d-decizjoni in kwistjoni hija illegali ghaliex ma inghatatx smigh fir-rigward.

Is-socjetà Rikorrenti tikkontendi wkoll li bid-decizjoni tieghu d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ikkancella dritt li kellha kif gieb u lahaq, pretensjoni din li t-Tribunal ukoll iqis li hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt. Ghalkemm waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2014[28] Charles Vella, Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), uza espressjonijiet bhal "ghorkitni ghajnejja" u "jiena din (ossia l-mod kif kien qed jahdem l-arrangament) ma ghogbitnix", meta x-xhieda li ta tigi kkunsidrat fil-kuntest totali taghha jirrizulta li huwa ma hax id-decizjoni tieghu kif gieb u lahaq izda ha decizjoni, fil-fehma tat-Tribunal, ghal kollox ragjonevoli u entro l-limiti u parametri tad-diskrezzjoni tieghu *qua* Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).

Fir-rigward Charles Vella iddikjara li *kif dan il-claim* (ossia t-talba ghar-refuzjoni tas-socjetà Rikorrenti datata 7 ta' Frar 2011) *tfacca quddiemi, deherli ftit stramb ghaliex peress li jiena kont daqsxejn midhla tal-Ligi ghaliex kont ilni fil-VAT mill-bidu nett u kont Director fuq il-Legal, ghorkitni ghajnejja kif seta' kien hemm arrangament ta' dan it-tip. Ghaliex dan it-tip ta' arrangament ma jikkonfigura mkien fil-ligi tal-VAT. Fil-fatt fil-ligi tal-VAT taghti biss id-dritt ta' refund lil min hu taxable person u minn dik it-tabella wiehed jista' jinduna. Terga' hawnhekk l-arrangament kien qed jinghata lil a non-taxable person u niccirkolaw l-affarijiet u jiena din ma ghogbitnix. Mort gibt il-file biex nara dan l-arrangament minn fejn origina u sibt li dan l-arrangament kien sar fl-2004 mis-sur Catania. X'hin rajt dan l-arrangament aktar m'ghogbitnix il-bicca tax-xoghol, mhux ghax is-sur Catania ma kienx Direttur u forsi ma kellux il-poter li jaghmel tali arrangamenti pero' li m'ghogobnix huwa li kien ser jinghata revenue lura tal-Gvern, u nerga' nghid mhux mil-Ligi tal-Vat, u hawn ghandi dubji, bir-rispett kollu lejn il-Tribunal u nispera li ma niftehimx hazin, kemm verament dan it-Tribunal huwa l-lok fejn ghandu jinstema' dan l-appell jew le ghaliex*

[27] Il-proceduri gewipprezentati quddiem il-Bord fl-14 ta' Gunju 2011.
[28] Fol. 218 sa' 225 tal-process.

*fl-opinjoni tieghi ma jikkonfigura mkien fil-ligi tal-Vat. Bqajt skantat kif b'dan l-arrangament is-sur Catania kien ser jaghti lura r-revenue tal-Gvern ghax il-vat ikun gabarha min ta s-servizz lill-US Nato, dahlet ghand id-dipartiment jigifieri hemmhekk saret Government Revenue, u s-sur Catania b'dan l-arrangament beda jiddisponi ruhu. Issa din kontra kull regolament li hawn tal-finanzi tal-Gvern. Per di piu s-sur Catania agixxa fil-livell ta' direttur issa jiena ghandi nifhem li jekk xi ufficjal tal-Gvern anki jekk hu direttur ser jiddisponi minn government revenue, ghandu ta' l-inqas as a minimum, jinforma lid-Direttur Generali tieghu ta' dak iz-zmien, haga li s-sur Catania jirrizulta li mkien m'ghamel, u t-tieni haga ghandu jikkonsulta mas-Segretarju Permanenti tal-Finanzi. Ghaliex nahseb jiena s-Segretarju Permanenti tal-Finanzi biss jista' b'xi mod jiddisponi minn government revenue. Insomma l-affarijiet baqghu ghaddejjin hekk sakemm jiena skoprejt din il-bicca xoghol. Kif skoprejta jiena kkonsultajt mad-Direttur Generali tieghi ta' dak iz-zmien, is-sur Sammut, u qbilna li ghandna nikkonsultaw mal-Permanent Secretary. Il-Permanent Secretary meta nfurmajnieh b'dak li kien qed jigri, tana struzzjonijiet biex niktbu lil Xxx & Co biex inwaqqfu minnufih l-arrangament u aktar minn hekk meta flejna l-claims maz-zmien, indunajna li ma kienux ristretti biss ghall-US Navy. B'dan jigifieri li l-arrangament li kien hemm per di piu rega' lanqas mexa minnu. Ghalhekk jiena ghamilt ezercizzju u hawn nista' nipprezenta kif sar dan l-ezercizzju fejn hawn il-claims kollha li ghamlu Xxx. Dana mahdum fejn hemm it-tabella li qlajna barra l-claims li saru ghall-vapuri mhux tal-US Navy.*

Mill-fax datata 31 ta' Mejju 2004[29] u l-ittra datata 8 ta' Gunju 2004[30] jirrizulta immedjatament evidenti li l-arrangament specjali in kwistjoni – li bir-refuzjoni lis-socjetà Rikorrenti tal-VAT minnha mhallsa ghan-nom tal-vapuri tan-Navy Amerikana, ghal liema jirreferi l-imsemmi arrangament, essenzjalment jinvolvi l-hlas ta' flus pubblici – intlahaq bejn id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin, l-Ambaxxata Amerikana u is-socjetà Rikorrenti. Mill-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, Kap.174 tal-Ligijiet ta' Malta, u mir-Regolamenti dwar il-Finanzi Generali, Legislazzjoni Sussidjarja 174.01, jirrizulta car li l-hlasijiet kollha ta' flejjes pubblici ghandhom isiru bl-awtorità tal-Ministru tal-Finanzi mill-Accountant General, liema Ministru però fl-arrangament specjali milhuq fl-2004 ma kien bl-ebda mod involut jew ikkonsultat. Il-fatt li l-Ministru tal-Finanzi ma kienx involut fl-arrangament specjali milhuq fl-2004 jirrizulta b'mod car mhux biss mid-dokumentazzjoni pertinenti ghal dak l-arrangament specjali izda anke mix-xhieda moghtija minn Nicholas Grech waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2014[31] fejn appuntu iddikjara li *on the 8th June 2004 jigifieri fl-istess gurnata li harget din l-ittra kien hemm meeting il-VAT office fejn kien hemm prezenti jiena, is-Sur Geroge Catania, is-Sur Riccardo Carcazze li kien l-Assistant Defence Attachè l-US Embassy, is-Sur Olaf Terribile, is-Sur Oliver P. Vassallo li kien il-*

[29] Fol. 17 sa' 20 tal-process.
[30] Fol. 21 tal-process.
[31] Fol. 226 sa' 229 tal-process.

*Kummissarju ta' dak iz-zmien u ghandi l-business cards taghhom li tawni dakinhar u s-Sur James Farrugia.*

Fil-fehma tat-Tribunal fid-dawl ta' tali fatt id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) gustament iddubita mill-validità ta' l-arrangament specjali li kien qed jigi operat bejn id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u s-socjetà Rikorrenti dwar ir-refuzjoni tal-VAT minnha inkorsa in konnessjoni ma' diversi vapuri tal-gwerra fosthom il-vapuri tan-Navy Amerikana, liema arrangament jigi ribadit ma kellux l-awtorizzazzjoni mehtiega mill-Ministru tal-Finanzi, u b'hekk kien reticenti li jkompli jattwa dak l-arrangament kif milhuq. Izda l-kwistjoni ma waqfitx hawn, ghaliex in verità l-arrangament kien ilu diversi snin jigi attwat bil-pagamenti johorgu b'mod regolari mit-Tezor u qatt ma gew opposti jew ta' l-inqas mistharrga mill-Accountant General. Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ibbaza d-decizjoni tieghu fuq kwistjoni ohra u cioè li dak l-arrangament in verità ma kienx konformi mal-Ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud anke fuq livell Ewropew.

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2014[32] Charles Vella ddikjara li *sussegwentament iltqajna wkoll mas-sur Grech u baqa' jinsisti anki mal-Ministru ta' dak iz-zmien u anki ghamilna xi meetings. Baqa' jinsisti u ipprovda ittra minn agent kollega tieghu certu Stefan Bonello Ghio li apparentament impjegat ma' MLS Overseas Limited fejn dan informa lis-sur Grech. Issa irrispettivament li jiena ma' l-arrangament ma kont naqbel xejn, l-argument tas-sur Grech kien illi jekk Malta effettivament ma kelliex dan l-arrangament jigifieri li l-US Navy b'xi mod u manjiera ma jehlux il-vat fuq servizzi, kienu qed jigu ta' disadvantage ghaliex meta jmorru f'portijiet ohra fil-Mediterran, hemmhekk ma kienux jehlu vat. Sa certu punt din fiha certa verita' ghax anki tohrog mid-Direttiva. Fil-fatt il-pajjizi li huma membri tan-NATO, u hawn fil-Mediterran nista' nsemmi Franza, l-Italja, il-Grecja, meta vapur hawn imur u jiehu supplies u jinghata servizzi, hemmhekk tohrog mid-direttiva tal-vat illi vat m'ghandux jehel. Pero' ovvjament Malta mhijiex membru tan-NATO u ghalhekk hawn il-vat xorta jridu jhallsuha bhal ma jhallasha kull min jigi hawn Malta. Is-sur Grech ukoll kien qalilna li gewwa Cipru, u din l-ittra issa qieghda fir-rigward ta' Cipru, skont dan is-sur Ghio dawn Cipru minkejja li mhumiex membri tan-NATO ma kienux qed izommu vat u allura s-sur Grech qal li Malta kienet in a disadvantage. Jiena ma waqaftx hawnhekk ghaliex dejjem ridt li l-affarijiet isiru sew, konna iccirkulajna domanda through the fiscal attaché li ghandna go Brussels. Is-sistema go Brussels tahdem li kull pajjiz membru ghandu fiscal attaché f'areas partikolari u ahna ghandna wiehed fl-indirect taxes. Gieli nircievu domandi dwar granet u aspetti kif nimxu ahna f'certi areas ta' vat u gieli nibghatu pero' din mhijiex mandatorja li l-istat membru ghandu jirrispondik. Fil-fatt kull ma rrispondewna din id-domanda kienu tnejn u din id-domanda kienet specifika x'jaghmlu huma meta jbieghu servizzi lill-vapuri tal-gwerra. Irrispondew tnejn fejn il-Grecja kienu ambigwi pjuttost tawna*

[32] Fol. 218 sa' 225 tal-process.

*risposta u bdew jistaqsuna ahna x'naghmlu pero' Cipru kienu skjetti u qalulna li huma jimxu kif qieghda fuq id-direttiva jigifieri fuq servizzi ghandhom jehlu l-vat. Ezentati biss fuq goods li jikkonsistu f're-fueling u provisioning ghall-crew biss meta l-vapur ikun at the point li jitlaq ghal port iehor. Hekk qieghda d-direttiva. Jigifieri dawn through the official channels u ghandi email hawn mis-Cyprus Administration li nista' nesebiha fejn din qieghda tghid illi huma jimxu ezatt kif nimxu ahna* – Dok. "CV3" a fol. 209 tal-process. *Jigifieri lilu s-sur Grech kont anki offrejtlu li dik l-invoice li ipproduca li ninvestiga fuqha pero' jiena imbaghad hassejt id-dmir, u s-sur Grech qabel mieghi li peress li invoice hija xi haga ta' natura kummercjali, u allura ser nizvelaw certu affarijiet, ma hassux komdu nibghatha fejn kelli nibghatha.*

Kif già iktar 'l fuq osservat il-Hames Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta fit-Taqsima Wiehed Partita 6 tittratta dwar fost ohrajn il-bastimenti tal-gwerra li però fl-istess Partita sub-artikolu (4)(b) tipprovdi li dwar provvisti lis-sidien jew operaturi ta' bastimenti tal-gwerra l-ezensjoni *hija limitata ghall-ghoti ta' karburanti u provizjon mahsub ghall-hastimenti definiti fis-subintestatura 89.01 tat-Tariffa tad-Dwana, li jhallu l-pajjiz u jbahhru lejn portijiet jew ankraggi barranin* u fis-subartikolu (5) tipprovdi li huma ezenti *il-provvisti ta' servizzi hlief ghal dawk riferiti fit-(3), imwettqa ghall-htigijiet diretti tal-bastimenti riferiti fil-(1), bl-eccezzjoni ta' bastimenti tal-gwerra, u ghall-htijiet diretti tal-merkanzija taghhom bhal irmonk, pilotagg, irmiggar, servizzi biex jehilsu, valutazzjoni, uzu tal-portijiet, servizzi provduti lis-sidien tal-bastimenti mill-agent marittii waqt li jagixxu bhala tali, servizzi mehtiega ghad-dhul, tluq jew qaghad tal-bastimenti fil-portijiet u ghajnuna provduta lill-passiggieri jew lill-ekwipagg.*

L-Artikolu 148(b) tal-*Council Directive 2006/112/EC of 28 November 2006 on the common system of value added tax* jipprovdi *Member States shall exempt the following transactions: the supply of goods for the fuelling and provisioning of fighting ships, falling within the combined nomenclature (CN) code 8906 10 00, leaving their territory and bound for ports or anchorages outside the Member State concerned* u l-Artikolu 151(c) ta' l-istess *Council Directive* jipprovdi li *Member States shall exempt the following transactions: the supply of goods or services within a Member State which is a party to the North Atlantic Treaty, intended either for the armed forces of other States party to that Treaty for the use of those forces, or of the civilian staff accompanying them, or for supplying their messes or canteens when such forces take part in the common defence effort.*

Huwa ferm evidenti li l-arrangament specjali milhuq fl-2004 bejn id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, l-Ambaxxata Amerikana u s-socjetà Rikorrenti ma huwiex – u in verità qatt ma kien – konformi mal-Legislazzjoni pertinenti, kemm dik lokali kif ukoll dik fuq livell Ewropew, u huwa proprio ghalhekk li jitqies bhala arrangament specjali. Mill-gdid jigi ribadit li ghalkemm dak l-arrangament, ghad li ma kienx konformi mal-

Legislazzjoni dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, kemm fuq livell lokali kif ukoll fuq livell Ewropew, kien ilu diversi snin jigi attwat anke da parte tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, it-Tribunal ma jsib l-ebda raguni ghalfejn l-istess Dipartiment ma jistax f'xi zmien fil-futur jaghzel li jbiddel il-posizzjoni adottata minnu u minflok jiddeciedi li jimxi strettament skond il-kelma tal-Ligi. B'hekk anke minn dan l-aspett it-Tribunal ma qsix li l-posizzjoni adottata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fl-2011 kienet wahda irragonevoli.

Naturalment jibqa' l-fatt li kwalunkwe mutament fl-arrangament jew addirittura revoka ta' l-istess trid issir b'rispett u osservazzjoni tad-drittijiet tal-partijiet li kienu parti minn u sal-punt tal-mutament jew revoka tal-posizzjoni, kienu qed jibbenefikaw mill-istess arragament b'dana li l-mutament jew revoka in kwistjoni ma jkollhomx effett retroattiv.

Ta' min josserva wkoll li ghalkemm is-socjetà Rikorrenti tishaq li fil-kaz **Enel Marisa Iztok 3D (C-107/10)** il-Qorti Ewropea ta' Gustizzja *f'materja ta' VAT ikkonkludiet illi d-dritt ghall-aspettativi legittimi ma jppermettix addirittura anke tibdil legislattiv illi retrospettivament drittijiet kweziti. Il-kaz imsemmi halaq ir-regola illi negazjoni ta' dritt kwezit hija inkompatibbli ma' l-Artikolu 183 ta' Council Directive 2006/112/EC on the common system of value added tax*, dak effettivament deciz fir-rigward f'dik id-decizjoni huwa is-segwenti: *according to the Court's settled case-law, **it is perfectly permissible and, as a general rule, consistent with the principle of the protection of legitimate expectations for new rules to apply to the future consequences of situations which arose under the earlier rules (Case C60/98 Butterfly Music [1999] ECR I3939, paragraph 25 and the case-law cited). However, a legislative amendment retroactively depriving a taxable person of a right he has derived from earlier legislation is incompatible with the principle of the protection of legitimate expectations (see, to that effect, Marks & Spencer, paragraph 45)**. It follows that, in a situation such as that in the main proceedings, the principle of the protection of legitimate expectations precludes a national legislative amendment which retroactively deprives a taxable person of a right enjoyed prior to that amendment to obtain default interest on a refund of excess VAT (see, to that effect, Marks & Spencer, paragraph 46).* B'hekk dak li tishaq fuqu l-Qorti Ewropea ta' Gustizzja huwa l-effett retroattiv tal-Legislazzjoni l-gdida u mhux tant l-impossibilità li s-sitwazzjoni futura ma tigix mibdula permezz ta' Legislazzjoni gdida, li traspost fil-kaz in ezami jfisser li d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghandu dritt jibdel u addirittura jirrevoka arrangament specjali li jkun fis-sehh sa' dak iz-zmien basta li tali bdil jew revoka jeffettwaw transazzjonijiet futuri u mhux ikollhom effettiv retroattiv fuq transazzjonijiet li taht dak l-arrangament specjali kien accettati bhala validi.

Qabel ma jidhol fil-kwistjoni ta' l-effett retroattiv tad-decizjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) allegat mis-socjetà Rikorrenti, it-Tribunal ser jittratta brevement il-pretensjoni tas-socjetà Rikorrenti li d-decizjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) li jirrevoka l-arrangament specjali mahluq fl-2004 irrizulta fit-tehid ta' dritt minghajr kumpens.

Fir-rigward is-socjetà Rikorrenti tikkontendi li *t-trattament fiskali kreattiv ta' l-aspettativa legittima kellu valur finanzjarju gholi tant illi r-revokazzjoni retrospettiva ta' parti mid-dritt vantat irrizultat fl-obbligu ta' restituzzjoni ta' eluf kbar ta' ewro u pregudizzju serju ghall-avvjament futur tan-negozju ta' l-esponent. Wiehed irid itenni illi r-revokazzjoni rrizultat fl-iskatt ta' sensiela ta' mizuri punittivi illi skattaw minghajr ma' l-esponent instema. Il-modus operandi stabilit ma' l-esponent ma kienitx xi fenomenu inspjegabbli. Hadd ma kellu ghaliex jghorok ghajnejh, ghaliex il-koncessjoni ssib element ta' riskontru kemm fil-ligi domestika kif ukoll fil-ligi komunitarja u l-prattici adottati minn gurisdizzjonijiet ohra*[33].

Filwaqt illi t-Tribunal jirriserva li jittratta l-kwistjoni ta' l-allegata retroattività tad-decizjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) iktar 'l quddiem f'din is-sentenza, josserva li biex jindirizza l-pretensjoni tas-socjetà Rikorrenti li l-imsemmija decizjoni irrizultat fit-tehid ta' dritt minghajr kumpens ikollu necessarjament jidhol fil-kwistjoni u jiddetermina jekk kienx hemm o meno vjolazzjoni ta' l-37 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, konsiderazzjonijiet dawn li kjarament jezorbitaw il-kompetenza tieghu in kwantu kull allegazzjoni ta' ksur jew possibilità ta' ksur ta' xi wiehed jew iktar mid-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ghandha titressaq quddiem u tigi determinata mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza Kostituzzjonali taghha[34].

Maghmula din l-osservazzjoni t-Tribunal ser jghaddi issa biex jittratta l-allegata retroattività tad-decizjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) li jirrevoka l-arrangament specjali milhuq f'Gunju ta' l-2004.

Is-socjetà Rikorrenti ripetutament tishaq li bit-talba ghall-hlas tas-somma ta' €77,024.55 in segwitu ghad-decizjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) li jirrevoka l-arrangament specjali milhuq f'Gunju 2004, effettivament tikkostitwixxi impatt retroattiv fuq dan l-arrangament. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha in effetti tosserva li *r-revoka ta' l-arrangament milhuq ikkawzat pregudizzju serju lis-socjetà rikorrenti ghaliex b'daqqa ta' pinna ttehdilha dritt ghar-refuzjonijiet ta' eluf kbar ta' Euro ghaliex sopra corna bastonate id-Dipartiment talab ukoll li jigi rifuz ammont ta' €77,024.55 li skont l-istess Dipartiment ma kellhomx jigu mitluba bhala*

[33] Para. 3.3 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà Rikorrenti.
[34] Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 4 tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta.

*refund. B'hekk ir-revoka tal-konswetudini stabilita inghatat (parzjalment) anke effett retroattiv*[35].

It-Tribunal qies bir-reqqa din l-allegazzjoni u konsegwenti pretensjoni tas-socjetà Rikorrenti izda huwa tal-fehma li fid-dawl ta' dak li rrizulta fir-rigward mill-provi prodotti tali allegazzjoni u konsegwenti pretensjoni huma ghal kollox ingustifikati u b'hekk ma jisthoqqx li jigu milqugha.

L-arrangament pertinenti ghas-socjetà Rikorrenti kien biss dak notifikat lilha bl-ittra datata 8 ta' Gunju 2004 li kif iktar 'l fuq osservat kien jittratta biss u esklussivament dwar il-vapuri tan-Navy Amerikana. Huwa inkontestat li mill-4 ta' Lulju 2006 fit-talbiet taghha ghar-refuzjoni tal-VAT is-socjetà Rikorrenti bdiet tinkludi r-refuzjoni tal-VAT inkorsa ghal diversi vapuri tan-NATO u mill-5 ta' Mejju 2009 fit-talbiet taghha s-socjetà Rikorrenti bdiet tinkludi wkoll ir-refuzjoni tal-VAT inkorsa ghal diversi vapuri tan-Navy Ingliza. Fir-rigward tal-vapuri tan-NATO però ma hemm l-ebda arrangament jew provvediment tal-Ligi li kien jintitola lis-socjetà Rikorrenti ghar-refuzjoni tal-VAT inkorsa fir-rigward ta' l-istess vapuri u fir-rigward ta' vapuri Inglizi l-arrangament li kien hemm kien jittratta biss u esklussivament *the Royal Fleet Auxiliary ships* u kien jaghti d-dritt ghar-refuzjoni tal-VAT inkorsa ghan-nom ta' dawn il-vapuri lil Thomas Smith u mhux lis-socjetà Rikorrenti[36].

Fir-rigward tal-vapuri tan-Navy Ingliza s-socjetà Rikorrenti tiggustifika t-talbiet taghha billi tikkontendi li *fil-perijodu meta nharget l-ittra lis-socjetà rikorrenti l-qawwa navali li kienet tirrapprezenta kienet appuntu l-qawwa navali ta' l-Istati Uniti u ghalhekk huwa ovvju illi din hija l-unika raguni ghaliex l-ittra ssemmi l-US Navy biss. L-esponenta bdiet tirrapprezenta l-qawwiet Inzligi biss xi snin wara. (Kienet tirrapprezenta l-qawwiet navali ta' l-Istati Uniti ferm qabel l-2004, bdiet tirrapprezenta n-Nato fl-2006 izda kien biss fl-2009 illi bdiet tirrapprezenta lin-Navy Ingliza). Sussegwentement, inharget ittra ohra diretta lejn l-bastimenti tar-regina u b'hekk meta l-esponent ottjena refuzjonijiet ghall-bastimenti Inglizi ghamel hekk ai termini ta' prassi stabilita u dokumentata fil-kors tal-kawza. Kellu bilfors isegwi illi, gialadarba gawdiet minn tali sistema Thomas Smith kellha tgawdi wkoll l-esponenta altrimenti, kien ikun hemm l-estremi tad-diskriminazzjoni u l-ghotja ta' unfair advantage lil Thomas Smith u disadvantage lil Xxx u huwa f'dan il-kuntest illi trid tinqara t-talba ghar-refuzjoni. It-talba ta' l-appellat ghar-refuzjoni hija wahda diskriminatorja ghaliex jirrizulta illi filwaqt illi Thomas Smith agevolat ruhha mill-arrangament ghall-bastimenti Inglizi, a rigward tal-bastimenti Inglizi, effettivament tali arragnament mhux qed jigi permess lil Xxx. ... Vella kien zbaljat ukoll rigward il-bastimenti Inglizi illi kienu suggetti ghall-koncessjoni. Fis-seduta tas-6 ta' Jannar, Vella qal: "Hawn ghamilt highlighted ghax din harget mhux fir-rigward tal-vapuri tal-gwerra ta' l-*

[35] Para. 2 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà Rikorrenti.
[36] Ittra datata 17 ta' Awwissu 2004, a fol. 237 u 238 tal-process.

*HMS Navy imma fir-rigward tal-RFA Ships ir-Royal Fleet Auxiliary … but it's not a war ship". Izda jirrizulta bhala fatt illi skond konswetudini adottata mid-dipartiment il-koncessjoni bdiet tinghata ghall-bastimenti tal-British Royal Navy kollha. Dan jirrizulta kemm mix-xhieda ta' Nicholas Grech tad-9 ta' Jannar izda fuq kollox mix-xhieda ta' Wayne Xuereb illi fix-xhieda tieghu tat-13 ta' Frar 2014 qal: "Hadniha ghal vapuri militari kollha tar-Royal Navy".*

Ghalkemm illum is-socjetà Rikorrenti tipprova tiggustifika t-talbiet taghha fir-rigward tar-refuzjoni tal-VAT inkorsa ghall-vapuri tan-Navy Ingliza in bazi ghall-kontestazzjoni li kien ikun diskriminatorju fil-konfront taghha li kieku s-sistema tar-refuzjoni tal-VAT vis-à-vis vapuri tan-Navy Ingliza ma kenitx tinghata lilha wkoll bhalma nghatat lil Thomas Smith, jirrizulta evidenti mill-provi prodotti, specjalment mix-xhieda ta' Nicholas Grech moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2014[37], li fiz-zmien meta bdiet tirrapprezenta n-Navy Ingliza s-socjetà Rikorrenti assumiet li setghet tadopera l-istess sistema ta' refuzjoni ta' VAT li Thomas Smith kellha mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u b'hekk unilateralment bdiet tinkludi l-vapuri tan-Navy Ingliza fit-talbiet taghha ghar-refuzjoni tal-VAT. Fil-fehma tat-Tribunal is-socjetà Rikorrenti ma kenitx intitolata li a bazi ta' tali assunzjoni unilateralment izzid fit-talbiet taghha ghar-refuzjoni tal-VAT anke il-VAT inkorsa ghall-vapuri tan-Navy Ingliza.

Fir-rigward it-Tribunal iqis li huwa opportun li jaghmel referenza ghal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **"AB v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", Appell Nru.13/07**, deciza fit-12 ta' Dicembru 2007: *hu sew maghruf illi d-dixxiplina fiskali tal-VAT ghandha attwalment il-fonti taghha fil-provvedimenti ta' l-Att XXIII ta' l-1998 (Kapitolu 406). Kemm fil-kumpless kif ukoll konsiderati singolarment dawn il-provvedimenti jikkonnettu ruhhom mal-fini persegwit mil-legislatur. Jigifieri, dik ta' l-imposizzjoni, gbir u hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud mill-persuni hekk registrati taht l-Att, sakemm dawn jew il-provvista innifisha ta' oggetti jew servizzi ma jkunux dikjarati ezenti jew ezentati. Huwa sintomatiku minn dan illi, oggettivament, in-natura partikolari tar-rapport tat-taxpayer mal-fisco kienet tesigi minn dak ta' l-ewwel l-osservanza mal-precetti tal-ligi. Fil-kaz in ispecje l-appellanti kien, fil-minimu, mistenni li jkollu c-certifikazzjoni okkorrenti bhala persuna ezenti minghand l-appellat qabel ma dan jassumih hu nnifsu unilateralment. Huwa veru li jinsab dikjarat illi hu kien gharraf verbalment lid-Dipartiment li kellu jitqies persuna ezenti izda, imbaghad, din id-dikjarazzjoni tieghu ma gietx minnu korroborata b' xi prova perswasiva li ma thalli ebda dubbju f' mohh min ried jiggudika li tali kien il-kaz. L-appellanti ma jistax jippretendi illi ghaliex hu kien jannota l-kelma "ezenti" fuq id-denunzji, l-Kummissarju kien hekk vinkolat biha. Is-sens komuni, jekk mhux ukoll il-ligi, kellu jiddettalu illi dik il-pretensjoni tieghu kellha qabel xejn ikollha l-approvazzjoni tal-*

[37] Fol. 226 sa' 229 tal-process.

*Kummissarju wara li dan ikun gharbel is-sitwazzjoni fuq l-informazzjoni supplita jew l-istharrig kondott. Approvazzjoni din li kienet taqa' fil-parametri ta' dik il-valutazzjoni diskrezzjonali tal-Kummissarju li seta' wkoll jiddizattendi dik l-informazzjoni. Jibqa' l-fatt illi ghall-approvazzjoni, o meno, taghha kien dejjem necessarju l-konferma tal-Kummissarju.*

Hemm fattur iehor li serjament jimpingi fuq il-pretensjoni tas-socjetà Rikorrenti u cioè l-fatt li l-koncessjoni moghtija lil Thomas Smith kienet fir-rigward tal-*Royal Fleet Auxiliary ships* biss u mhux fir-rigward tal-vapuri tan-Navy Ingliza, li invece huma l-vapuri li dwarhom is-socjetà Rikorrenti talbet u ottjeniet ir-refuzjoni tal-VAT. Huwa veru li Wayne Xuereb iddikjara li bhala fatt u minkejja l-arrangament specjali li kellha, Thomas Smith kienet titlob u hadet refuzjoni fir-rigward tal-vapuri militari kollha tar-Royal Navy però b'daqshekk ma jfissirx li s-socjetà Rikorrenti li jigi ribadit agixxiet fuq assunzjoni unilaterali, setghet tippretendi li hi wkoll mhux talli jkollha dritt titlob refuzjoni ta' VAT fir-rigward tal-*Royal Fleet Auxiliary ships* skond l-arrangament milhuq mal-Bristish High Commission u Thomas Smith f'Awwissu 2004,talli addirittura titlob refuzjoni ta' VAT fir-rigward tal-vapuri tan-Navy Ingliza wkoll.

Is-socjetà Rikorrenti tiggustifika t-talbiet taghha ghar-refuzjoni tal-VAT inkorsa ghall-vapuri tan-NATO u anke ghall-vapuri tan-Navy Ingliza a bazi tal-pretensjoni ripetuta li kien hemm konswetutidni fir-rigward, liema konswetudini ghalhekk skontha taghtha d-dritt tagixxi kif agixxiet. Fil-fehma tat-Tribunal però din il-pretensjoni wkoll hija ghal kollox ingustifikata ghaliex kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà Rikorrenti fir-rigward ta' dan l-arrangament partikolari ma kien hemm l-ebda konswetudini imma se mai arrangament *ad hoc* milhuq bejn id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-istess socjetà Rikorrenti fir-rigward tal-vapuri tan-Navy Amerikana.

Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Gasan et v. Joseph Anastasi pro et noe et**, deciza fl-10 ta' April 1946, fejn l-atturi f'dawk il-proceduri invokaw il-konswetudini ghall-fini li jiggustifikaw id-dritt minnhom hemm pretiz, *peress dan id-dritt ma giex pruvat minn ebda ligi jew regolament, u minn ebda konvenzjoni, l-appellati jridu jimpernjawh fil-konswetudini peress illi 'pools' simili ta' generi ohra hadu bhala bazi l-attività ta' kull membru fil-'pool' ghas-snin ta' qabel il-gwerra mill-1935 sa' l-1940. Izda biex dan id-dritt johrog mill-konswetudini, huwa mehtieg li din l-uzanza kienet generali ghall-'pools' kollha, mentri gie pruvat illi kien hemm xi 'pools' li ma osservawx dik ir-regola. Irrizulta wkoll f'kawzi ohra ta' l-istess generu ta' 'pools' illi dik ir-regola giet stabilita bi ftehim tal-membri stess u ghalhekk, fejn giet osservata, kienet konsegwenza u in esekuzzjoni tal-ftehim tal-membri stess, u mhux bhala konsegwenza ta' konswetudini.*

Ladarba l-arrangament li kien hemm bejn id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u s-socjetà Rikorrenti dwar ir-refuzjoni tal-VAT Minnha inkorsa ghall-vapuri tan-Navy Amerikana kien appuntu arrangement *ad hoc* jew

specjali, is-socjetà Rikorrenti ma tistax tippretendi li kien hemm konswetudini li tippermettilha zzid il-vapuri tan-Nato mal-vapuri fir-rigward ta' liema setghet titlob ir-refuzjoni tal-VAT inkorsa ghalihom. Bl-istess mod, la kien hemm arragnament *ad hoc* jew specjali bejn id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u s-socjetà Thomas Smith fir-rigward tal-*Royal Fleet Auxiliary ships* is-socjetà Rikorrenti ma tistax tippretendi li kien hemm konswetudini li tippermettilha tapplika l-istess sistema meta bdiet tirrapprezenta n-Navy Ingliza w li addirittura titlob refuzjoni ta' VAT inkorsa ghall-vapuri tan-Navy Ingliza li kif già inghad ma kienux inkluzi f'dak l-arrangament *ad hoc*. Ghalkemm jidher li s-socjetà Thomas Smith talbet refuzjoni tal-VAT fuq il-vapuri militari kollha tan-Navy Ingliza, xorta wahda fil-fehma tat-Tribunal ma jissussistix l-element tal-*pratica generale* hekk centrali ghall-fini li tissussisti il-konswetudini.

Is-socjetà Rikorrenti tikkontendi wkoll li *ghal dak li huma l-qawwiet navali Ewropej ohra, partikolarment dik Spanjola, il-ligi Komunitarja tikkostringi l-appellat jimxi ma' Spanja bl-istess mod illi jimxi ma' l-Ingilterra. Ghaldaqstant meta Caesar Grech ippermetta r-refuzjonijiet ghall-qawwa navali Spanjola kien qieghed semplicement japplika principji ta' ligi komunitarja stabbilita. Ghal dak illi jikkoncerna qawwiet navali ohra, il-Kostituzzjoni ta' Malta thaddan il-principji tan-newtralità u galhekk it-trattament fiskali lejn il-bastimenti kellu jsegwi l-istess principju. Dak illi jinghata lill-Amerikani irid jinghata lill-qawwiet navali ohra*[38]. It-Tribunal però ma jaqbel ma' ebda wahda minn dawn l-osservazzjonijiet u jqis li s-socjetà Rikorrenti talbet u ottjeniet hlas li ma kienx spettanti u dovut lilha u konsegwentement hija obbligata tirrifondi tali hlas.

Huwa veru li fil-Ligi komunitarja hemm il-principju fondamentali ta' *non-discrimination between Member States*, liema principju jestendi ghall-ambitu fiskali wkoll izda wiehed irid iqis li l-posizzjoni generali tal-Ligi Maltija fir-rigward ta' VAT imhallsa minn vapuri tal-gwerra, sia jekk huma vapuri ta' Stat Membru jew le, bhalma huma l-vapuri tan-Navy Amerikana, hija dik esposta fil-Partita 6 tal-Hames Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u kienu l-arragamenti specjali milhuqa fl-2004 fir-rigward tal-vapuri tan-Navy Amerikana u tal-*Royal Auxiliary Fleet ships* li kienu l-eccezzjoni. Kemm-il darba stati ohra, partikolarment Stati Membri ohra hassew li tali arrangamenti holqu diskriminazzjoni fil-konfront taghhom kellhom ikunu huma stess li jqajmu din il-kwistjoni mal-Gvern Malti u jekk ikun il-kaz fil-forum kompetenti fuq livell Ewropeju u mhux tkun is-socjetà Rikorrenti li tikkoncedi lilha nnifisha dritt ta' refuzjoni tal-VAT minnha inkorsa ghal dawn il-vapuri jew ikun Caesar Grech, ufficjal fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ghad illi ufficjal gholi fi hdan id-Dipartiment, li jikkoncedi tali dritt ta' refuzjoni tal-VAT lis-socjetà Rikorrenti. It-Tribunal jishaq fuq id-dritt ta' refuzjoni tal-VAT inkorsa mis-socjetà Rikorrenti stante li ma tressqet l-ebda prova li l-vapuri tan-NATO li inghataw servizzi Malta w indikati mis-

[38] Para. 4.3 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà Rikorrenti.

socjetà Rikorrenti fit-talbiet taghha gew esentati mill-hlas tal-VAT – ghajr ghal dawk is-servizzi ezentati *ex lege* – bl-istess mod kif kienu ezentati mill-hlas tal-VAT il-vapuri tan-Navy Amerikana u r-*Royal Auxiliary Fleet ships*.

In kwantu rigwarda l-argument avvanzat mis-socjetà Rikorrenti bbazat fuq il-principju tan-newtralità ta' Malta, it-Tribunal iqis tali argument bhala ghal kollox bla bazi w addirittura argument frivolu u vessatorju stante li l-implikazzjonijiet veri tan-newtralità ta' Malta jirrizultaw b'mod car mill-Artikolu 1(3) tal-Kostituzzjoni li senjatament jipprovdi illi: *Malta hija stat newtrali li jrid attivament jilhaq il-paci, is-sigurtà u l-progress socjali fost in-nazzjonjiet kollha billi jhaddan politika ta' non-allineament u jirrofta li jippartecipa f'kull alleanza militari. Dan l-istatus jimplika b'mod partikolari, illi: (a) l-ebda bazi militari barranija ma tithalla fuq territorju Malti; (b) l-ebda facilitajiet militari f'Malta ma jithallew jigu wzati minn xi forzi barranin hlief fuq talba tal-Gvern ta' Malta, u biss fil-kazi li gejjin: (i) fl-ezercizzju tal-jedd naturali ta' difiza legittima f'kaz ta' vjolazzjoni armata ta' l-area li fuqha r-Repubblika ta' Malta ghandha sovranità, jew biex tiehu mizuri jew azzjonijiet decizi mill-Kunsill tas-Sigurtà tal-Gnus Maghquda; jew (ii) kull meta jkun hemm theddida ghas-sovranità, indipendenza, in-newtralità, l-unità jew l-integrità territorjali tar-Repubblika ta' Malta; (c) minbarra fil-kazi imsemmija hawn fuq, l-ebda facilitajiet ohra f'Malta ma jithallew jintuzaw b'tali mod u b'tali mizura li jwasslu ghall-prezenza f'Malta ta' koncentrazzjoni ta' forzi barranin; (d) minbarra fil-kazi imsemmija hawn fuq, l-ebda persunal militari barranin ma jithalla fuq territorju Malti, hlief dak il-persunal militari li jkun qed jaghmel jew jghin biex jitwettqu, xoghlijiet jew attivitajiet civili, u hlief ghadd ragonevoli ta' persunal tekniku militari li jghind fid-difiza tar-Repubblika ta' Malta; (e) it-tarznari tar-Repubblika ta' Malta jintuzaw ghal skopijiet kummercjali civili, izda jistghu wkoll jintuzaw, f'limiti ragonevoli ta' zmien u ghadd, ghat-tiswija ta' bastimenti militari li jkunu tpoggew f'qaghda li ma jistghux jiggieldu jew ghall-bini ta' vapuri; u skont il-principji ta' non-allineament l-imsemmija tarznari jigu mcahhda lill-bastimenti militari taz-zewg superpotenzi.*

It-Tribunal jirribadixxi li fil-fehma tieghu s-socjetà Rikorrenti talbet u ottjeniet refuzjoni ta' VAT li ma kenitx dovuta lilha u konsegwentement hija obbligata tirrifondi tali hlas, obbligu dan li jirrizulta anke mill-principju generali tal-Ligi enuncjat fl-Artikoli 1021 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta: *kull min jircievi, sew xjentement jew bi zball, haga li hu ma kellux jiehu la taht obbligazzjoni civili lanqas naturali, ghandu jroddha lil dak lil minn ghandu jkun irciviha bla jedd.*

Fid-dawl ta' dak kollu osservat ghalhekk it-Tribunal iqis li d-decizjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) li jirrevoka l-arrangament specjali milhuq f'Gunju 2004 u li jitlob hlas lura tar-refuzjoni tal-VAT li giet kjarament *overclaimed* mis-socjetà Rikorrenti vis-à-vis vapuri tan-NATO u vapuri tan-Navy Ingliza, liema decizjoni giet notifikata lis-socjetà Rikorrenti b'ittra datata 27 ta' Mejju 2011, hija ragonevoli u ma ghandhiex effett

retroattiv fuq il-jeddijiet legittimi tas-socjetà Rikorrenti nascenti minn dak l-arrangament.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal filwaqt li jiddikjara li huwa kompetenti biex jittratta u jiddeciedi l-proceduri odjerni, jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba avvanzata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghall-korrezzjoni fl-okkju ta’ dawn il-proceduri, jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet tas-socjetà Rikorrenti minnha avvanzati bir-Rikorsipprezentat fl-14 ta’ Gunju 2011.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mis-socjetà Rikorrenti.

Ai termini ta’ l-Artikolu 5(3) tad-Disa’ Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta jordna li kopja ta’ din id-decizjoni tigi notifikata lill-partijiet kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------